Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

28 ta’ Novembru 2017 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta’ vetturi bil-mutur – Direttiva 72/166/KEE – Artikolu 3(1) – Kunċett ta’ ‘użu ta’ vetturi’ – Inċident li seħħ f’azjenda agrikola – Inċident li kien jinvolvi trattur agrikolu wieqaf iżda li l-magna tiegħu kienet mixgħula sabiex tħaddem pompa użata għall-bexx ta’ erbiċida”

Fil-Kawża C-514/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Qorti tal-Appell ta’ Guimarães, il-Portugall), permezz ta’ deċiżjoni tat-23 ta’ Ġunju 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta’ Ottubru 2016, fil-proċedura

**Isabel Maria Pinheiro Vieira Rodrigues de Andrade,**

**Fausto da Silva Rodrigues de Andrade**

vs

**José Manuel Proença Salvador,**

**Crédito Agrícola Seguros – Companhia de Seguros de Ramos Reais SA,**

**Jorge Oliveira Pinto,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, M. Ilešič, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, C. G. Fernlund u C. Vajda, Presidenti ta’ Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev (Relatur), C. Toader, M. Safjan, D. Šváby u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal I. M. Pinheiro Vieira Rodrigues de Andrade u F. da Silva Rodrigues de Andrade, minn L. Ferreira, advogado,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u S. Jaulino, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

– għall-Gvern Estonjan,, minn N. Grünberg, bħala aġent,

– għall-Irlanda, minn L. Williams, G. Hodge, M. Browne u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn C. Toland, SC, G. Gibons, BL, u J. Buttimore, BL,

– għall-Gvern Spanjol, minn V. Ester Casas, bħala aġent,

– għall-Gvern Latvjan, minn I. Kucina u G. Bambāne, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn G. Brown, bħala aġent, assistita minn A. Bates, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. França u K.-P. Wojcik, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10, iktar 'il quddiem l-"Ewwel Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Isabel Maria Pinheiro Vieira Rodrigues de Andrade u Fausto da Silva Rodrigues de Andrade (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"konjuġi Rodrigues de Andrade") u, min-naħa l-oħra, José Manuel Proença Salvador, Crédito Agrícola Seguros – Companhia de Seguros de Ramos Reais SA (li kienet Rural Seguros – Companhia de Seguros SA, iktar 'il quddiem "CA Seguros") u Jorge Oliveira Pinto, dwar il-kundanna tal-konjuġi Rodrigues de Andrade għall-kumpens għad-dannu mġarrab minn J. M. Proença Salvador minħabba l-mewt tal-konjuġi tiegħu b'riżultat ta' inċident li kien jinvolvi trattur agrikolu, li seħħ fl-azjenda agrikola fejn kienet taħdem.

**Il-kuntest ġuridiku**

3 Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11) ħassret, b'mod partikolari, l-Ewwel Direttiva. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti marbuta mal-kawża prinċipali, il-kawża prinċipali għadha rregolata mill-Ewwel Direttiva.

4 L-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva kien jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. 'vettura' tfisser kull vettura bil-mutur intiża għal vjaġġi bl-art u mmexxija minn qawwa mekkanika, imma li ma timxix fuq il-linji, u kull karru, kemm jekk agganċjat u kemm jekk le;

[…]"

5 Skont l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva:

"Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 4, jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu ikun kopert minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri."

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva kien jipprevedi:

"Stat Membru jista' jaġixxi b'deroga ta' l-Artikolu 3 fir-rigward ta':

[...]

(b) ċerti tipi ta' vetturi jew ċerti vetturi li jkollhom pjanċa speċjali; il-lista ta' dawn it-tipi jew ta' dawn il-vetturi għandha titfassal mill-Istat ikkonċernat u tiġi kkomunikata lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

7 Il-konjuġi Rodrigues de Andrade joperaw azjenda agrikola li tinsab f'Sabrosa (il-Portugall).

8 Il-konjuġi ta' J. M. Proença Salvador, Maria Alves, kienet impjegata minnhom bħala ħaddiema agrikola fuq bażi part-time. Għaldaqstant, hija kienet tinsab taħt l-ordnijiet, it-tmexxija u l-kontroll tal-konjuġi Rodrigues de Andrade.

9 Fit-18 ta' Marzu 2006, M. Alves kienet qiegħda tbexxex l-erbiċida fuq ix-xtieli ta' dwieli fl-għalqa tad-dwieli tal-konjuġi Rodrigues de Andrade, fuq art b'xaqliba maqsuma fuq diversi livelli.

10 L-erbiċida kien jinsab f'tank b'bexxiexa imqabbad u mdendel fuq wara ta' trattur agrikolu (iktar 'il quddiem it-"trattur inkwistjoni"). Dan it-trattur kien wieqaf, f'mogħdija ċatta ta' ħamrija, iżda l-magna tiegħu kienet mixgħula sabiex tħaddem il-pompa użata għall-bexx tal-erbiċida. Il-piż ta' dan it-trattur, il-vibrazzjonijiet tal-magna u tal-pompa tal-ħruġ tal-bexxiexa, kif ukoll it-tħaddim, b'mod partikolari minn M. Alves, tal-pajp li bih kien qed isir il-bexx, li kien ħiereġ mit-tank, flimkien max-xita qawwija li kienet għamlet dakinhar, ikkawżaw ċaqliq tal-art li kaxkar lill-imsemmi trattur. Dan tal-aħħar waqa' mil-livell li kien fih u nqaleb, filwaqt li weġġa' l-erba' ħaddiema li kienu qegħdin ibexxu l-erbiċida fuq id-dwieli li kienu jinsabu f'livell iktar 'l isfel. M. Alves intlaqtet u nqabdet taħt it-trattur inkwistjoni, u dan wassal għall-mewt tagħha.

11 It-trattur inkwistjoni kien irreġistrat f'isem Nair Morais da Silva Pinto, konjuġi ta' J. Oliveira Pinto. Dan tal-aħħar kien il-bidwi tal-konjuġi Rodrigues de Andrade u, għalhekk, is-superjur ġerarkiku ta' M. Alves.

12 N. Morais da Silva Pinto kienet ikkonkludiet, ma' CA Seguros, kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jaqa' taħt it-taqsima "tratturi u magni agrikoli".

13 I. M. Pinheiro Vieira Rodrigues de Andrade kienet ikkonkludiet, ma' kumpannija ta' assigurazzjoni oħra, kuntratt li jkopri r-responsabbiltà tagħha fir-rigward tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol. Din il-kumpannija ta' assigurazzjoni ħallset kumpens lil J. M. Proença Salvador, l-armel ta' M. Alves, għad-dannu materjali kkawżat mill-inċident li kkawża l-mewt ta' din tal-aħħar.

14 Barra minn hekk, J. M. Proença Salvador fetaħ kawża sabiex il-konjuġi Rodrigues de Andrade, J. Oliveira Pinto u N. Morais da Silva Pinto *in solidum*, jew CA Seguros, fil-każ li din il-kumpannija tkun marbuta tkopri tali inċident, jiġu kkundannati jikkumpensaw id-dannu morali kkawżat mill-inċident.

15 Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet parzjalment it-talba ta' J. M. Proença Salvador. Hija kkundannat lil J. Oliveira Pinto u lill-konjuġi Rodrigues de Andrade sabiex iħallsu, *in solidum*, parti mis-somom mitluba, iżda ċaħdet din it-talba sa fejn kienet indirizzata kontra N. Morais da Silva Pinto kif ukoll kontra CA Seguros, għar-raġuni li t-trattur inkwistjoni ma kienx involut f'inċident tat-traffiku, li seta' jkun kopert minn assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (iktar 'il quddiem l-"assigurazzjoni obbligatorja"), sa fejn dan l-inċident ma seħħx fil-kuntest tal-użu tat-trattur inkwistjoni bħala mezz ta' trasport.

16 Il-konjuġi Rodrigues de Andrade appellaw minn dik is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Qorti tal-Appell ta' Guimarães, il-Portugall), filwaqt li sostnew li l-inċident li tiegħu kienet vittma M. Alves seħħ fil-kuntest tal-funzjonament tat-trattur inkwistjoni matul xogħol agrikolu, b'tali mod li għandu jkun kopert mill-kuntratt ta' assigurazzjoni li kienet ikkonkludiet N. Morais da Silva Pinto, irrispettivament minn jekk dan l-inġenju kienx wieqaf, kienx ipparkjat jew kienx qiegħed jiċċaqlaq fuq il-mogħdija fl-azjenda tal-konjuġi Rodrigues de Andrade. J. Oliveira Pinto, li wkoll appell mill-imsemmija sentenza, isostni b'mod partikolari li l-kuntratt ta' assigurazzjoni konkluż ma' CA Seguros ikopri r-responsabbiltà ċivili li tirriżulta minn danni kkawżati mit-tagħmir imqabbad mal-vettura assigurata u li jirriżultaw mit-tħaddim tagħha.

17 Il-qorti tar-rinviju tosserva li s-sentenza tal-ewwel istanza hija konformi mal-ġurisprudenza tas-Supremo Tribunal de Justiça (il-Qorti Suprema, il-Portugall) fis-sens li, sabiex avveniment jiġi kklassifikat bħala "inċident tat-traffiku", il-vettura involuta fl-inċident għandha tkun qiegħda tiċċaqlaq fil-mument tiegħu u d-danni mġarrba minn terzi għandhom jirriżultaw minn dan iċ-ċaqliq.

18 L-imsemmija qorti kienet qieset, f'sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, mogħtija f'kawża fejn it-trattur agrikolu li kien ikkawża l-inċident fatali kien wieqaf f'dak il-mument, filwaqt li kien qiegħed jopera biss it-tagħmir użat sabiex jifred il-qamħ mill-pjanta mqabbad ma' dan it-trattur, li, sa fejn, minn naħa, l-imsemmi trattur ma kienx qiegħed jiċċaqlaq u lanqas ma kien qiegħed jintuża għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, l-unika funzjoni tiegħu, fil-mument tal-inċident, kienet li jħaddem l-imsemmi tagħmir, tali inċident ma setax jiġi kklassifikat bħala "inċident tat-traffiku".

19 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tosserva li, fis-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk (C-162/13, EU:C:2014:2146), f'kawża li kienet tikkonċerna manuvra b'lura mwettqa minn trattur agrikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi" jinkludi kull użu ta' vettura li jkun konformi mal-funzjoni normali ta' din il-vettura. Iċ-ċirkustanzi tal-kawża li tat lok għal dik is-sentenza kienu jippermettu li jitqies li l-funzjoni normali ta' vettura hija li tkun qiegħda tiċċaqlaq.

20 Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk il-kunċett ta' "użu ta' vetturi" ikoprix ukoll l-użu tal-vettura bħala magna li tiġġenera saħħa motriċi, mingħajr ma jimplika iżda ċ-ċaqliq tagħha.

21 Issa, skont il-qorti tar-rinviju, jeżistu vetturi "imħallta", li jistgħu jintużaw kemm bħala mezzi tat-trasport u kemm bħala sempliċi magni li jiġġeneraw saħħa motriċi, u li jistgħu jikkawżaw, bħala tali, danni lil terzi mhux biss meta jkunu qegħdin jiċċaqilqu, iżda wkoll fil-kuntest tal-użu tagħhom meta weqfin, bħala magni li jiġġeneraw saħħa motriċi.

22 Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk, fid-dawl kemm tal-għan ta' protezzjoni tal-vittmi segwit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-assigurazzjoni obbligatorja kif ukoll tal-ħtieġa li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, ikunx ġustifikat li mill-kamp ta'

applikazzjoni tal-kunċett ta' "użu ta' vetturi" tiġi eskluża s-sitwazzjoni ta' vettura wieqfa, użata fil-funzjoni normali tagħha bħala magna li tiġġenera saħħa motriċi intiża sabiex jitwettaq xogħol ieħor, meta tali użu jista' jikkawża inċidenti gravi jekk mhux ukoll fatali.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Qorti tal-Appell ta' Guimarães) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-obbligu ta' assigurazzjoni previst fl-Artikolu 3(1) tal-[Ewwel Direttiva] għandu japplika għall-użu ta' vetturi, fi kwalunkwe post, pubbliku jew privat, biss f'każijiet meta jkunu f'moviment jew anki meta jkunu weqfin, iżda bil-mutur tagħhom mixgħul?

2) L-imsemmi kunċett ta' 'użu ta' vetturi', fis-sens tal-Artikolu 3(1) [tal-Ewwel Direttiva], jinkludi trattur agrikolu, wieqaf f'mogħdija ċatta ta' ħamrija, ta' għalqa, li jkun qed jintuża, normalment, fit-twettiq ta' xogħlijiet agrikoli (tbexxix ta' erbiċida f'għalqa tad-dwieli), bil-mutur mixgħul, sabiex iħaddem il-pompa tat-tank li jinkludi l-erbiċida u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, b'riżultat ta' ċaqlieq ta' art ikkawżat mill-fatturi segwenti kkunsidrati flimkien:

– il-piż tat-trattur,

– il-vibrazzjoni kkawżata mill-mutur tat-trattur u mill-pompa ta' ħruġ tal-bexxiexa, imwaħħla fuq il-parti ta' wara tal-imsemmi trattur,

– ix-xita qawwija li niżlet,

l-imsemmi trattur waqa' b'riżultat li weġġa' erba' ħaddiema li kienu qed iwettqu dak ix-xogħol f'artijiet iktar l-isfel, u kawża l-mewt ta' ħaddiema li kienet qed iżżomm il-pajp li bih kien qed isir il-bexx?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għaż-żewġ domandi preċedenti, din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'użu ta' vetturi' tal-Artikolu 3(1) tal-[Ewwel Direttiva], tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikolu 4(4) tad-[Decreto-Lei n. 291/2007 que aprova o regime do sistema do seguro obrigatório de responsabilidade civil automóvel (Digriet Liġi Nru 291/2007 li jadotta r-regoli dwar is-sistema ta' assigurazzjoni obbligatorja għar-responsabbiltà ċivili marbuta ma' vetturi bil-mutur), tal-21 ta' Awwissu 2007 (iktar 'il quddiem id-'Digriet Liġi Nru 291/2007')]) li eskludiet l-obbligu ta' assigurazzjoni previst fl-imsemmi Artikolu 3(1) [ta' din id-direttiva] għas-sitwazzjonijiet fejn il-vetturi jintużaw għal funzjonijiet sempliċement agrikoli jew industrijali?"

24 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' April 2017, l-Irlanda, bis-saħħa tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Awla Manja.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

25 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi", użat f'din id-dispożizzjoni, ikopri sitwazzjoni li fiha trattur li kien wieqaf f'mogħdija tal-ħamrija f'azjenda agrikola, u li l-magna tiegħu kienet mixgħula sabiex tħaddem il-pompa

ta' bexxiexa ta' erbiċida mqabbda ma' dan it-trattur, tkaxkar minn ċaqliq tal-art ikkawżat minn diversi fatturi flimkien, jiġifieri l-piż tal-imsemmi trattur, il-vibrazzjonijiet tal-magna tiegħu u tal-pompa, kif ukoll ix-xita qawwija, fejn dan wassal għall-mewt ta' persuna li kienet taħdem f'din l-azjenda.

26 Dawn id-domandi huma bbażati fuq il-premessa li l-kuntratt ta' assigurazzjoni, imsemmi fil-punt 12 ta' din is-sentenza, konkluż minn N. Morais da Silva Pinto u li jikkonċerna t-trattur inkwistjoni, huwa intiż li jkopri biss ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tiegħu. Fuq il-bażi ta' din il-premessa, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sitwazzjoni deskritta fil-punt preċedenti tistax, jew le, tiġi kklassifikata bħala inċident marbut mal-użu tal-vettura inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva.

27 B'dan premess, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha, bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, sabiex ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi li normalment ikunu bbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta b'assigurazzjoni.

28 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li trattur agrikolu, bħat-trattur inkwistjoni, jaqa' taħt il-kunċett ta' "vettura", imsemmi fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva, peress li jikkorrispondi għal "vettura bil-mutur intiża għal vjaġġi bl-art u mmexxija minn qawwa mekkanika, imma li ma timxix fuq il-linji".

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din id-definizzjoni hija indipendenti mill-użu li jsir jew li jista' jsir mill-vettura inkwistjoni. Għaldaqstant, il-fatt li trattur jista', f'ċerti ċirkustanzi, jintuża bħala magna agrikola ma għandu l-ebda impatt fuq il-konstatazzjoni li tali vettura tissodisfa l-kunċett ta' "vettura" li jinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punt 38).

30 Barra minn hekk, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-trattur inkwistjoni huwa normalment ibbażat fit-territorju ta' Stat Membru u li ma huwiex ikkonċernat minn deroga adottata skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva.

31 Fir-rigward tal-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, għandu jitfakkar li dan il-kunċett ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru iżda jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u tal-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punti 41 u 42).

32 F'dan ir-rigward, l-Ewwel Direttiva tagħmel parti minn sensiela ta' direttivi li b'mod progressiv speċifikaw l-obbligi tal-Istati Membri fil-qasam tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi. Mill-preambolu ta' din id-direttiva u mit-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3), jirriżulta li dawn id-direttivi huma intiżi, minn naħa, li jiżguraw il-moviment liberu kemm tal-vetturi li normalment ikunu bbażati fit-territorju tal-Unjoni u kemm tal-persuni li jkunu abbord dawn il-vetturi u, min-naħa l-oħra, li jiggarantixxu li l-vittmi tal-inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi jibbenefikaw minn trattament komparabbli, irrispettivament minn fejn iseħħ l-inċident fit-territorju tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2011, Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, C-409/09, EU:C:2011:371, punt 23; tat-23 ta' Ottubru 2012, Marques Almeida, C-300/10, EU:C:2012:656, punt 26, kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punt 50).

33 Barra minn hekk, mill-iżvilupp fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni obbligatorja jirriżulta li dan l-għan ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi kien segwit u msaħħaħ b'mod kostanti mil-leġiżlatur tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punti 52 sa 55).

34 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi" li jinsab fl-imsemmi artikolu ma huwiex limitat għas-sitwazzjonijiet ta' użu fit-triq, jiġifieri l-użu fuq it-toroq pubbliċi, iżda li dan il-kunċett ikopri kull użu ta' vettura li jkun konformi mal-funzjoni normali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punt 59).

35 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta, minn naħa, li l-portata tal-kunċett ta' "użu ta' vetturi" ma tiddependix mill-karatteristiċi tal-art li fuqha tintuża l-vettura bil-mutur.

36 Barra minn hekk, ebda dispożizzjoni tad-direttivi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja ma tillimita l-portata tal-obbligu ta' assigurazzjoni u tal-protezzjoni li dan l-obbligu huwa intiż li jagħti lill-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi bil-mutur, għall-każijiet ta' użu ta' tali vetturi fuq ċerti artijiet jew fuq ċerti toroq.

37 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat li l-vetturi bil-mutur imsemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva, irrispettivament mill-karatteristiċi tagħhom, huma intiżi li jservu normalment bħala mezzi ta' trasport.

38 Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, ikopri kull użu ta' vettura bħala mezz ta' trasport.

39 F'dan ir-rigward, il-fatt li l-vettura involuta fl-inċident kienet wieqfa fil-mument meta seħħ dan l-inċident ma jeskludix, waħdu, li l-użu ta' din il-vettura f'dak il-mument jista' jaqa' taħt il-funzjoni tagħha bħala mezz ta' trasport u, għaldaqstant, taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva. Barra minn hekk, il-kwistjoni ta' jekk il-magna tiegħu kinitx mixgħula jew le fil-mument meta seħħ l-inċident ma hijiex determinanti f'dan ir-rigward.

40 B'dan premess, fir-rigward ta' vetturi li, bħat-trattur inkwistjoni, huma intiżi li, minbarra l-użu normali tagħhom bħala mezzi ta' trasport, jintużaw, f'ċerti ċirkustanzi, bħala magni tax-xogħol, għandu jiġi ddeterminat jekk, meta seħħ l-inċident li fih kienet involuta tali vettura, din il-vettura kinitx qiegħda tintuża prinċipalment bħala mezz ta' trasport, f'liema każ dan l-użu jista' jaqa' taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, jew bħala magna tax-xogħol, f'liema każ l-użu inkwistjoni ma jkunx ta' natura li jaqa' taħt dan l-istess kunċett.

41 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, meta seħħ l-inċident li fih kien involut, it-trattur inkwistjoni kien qiegħed jintuża bħala ġeneratur tas-saħħa motriċi meħtieġa sabiex titħaddem il-pompa tal-bexxiexa ta' erbiċida li biha kien mgħammar għall-finijiet tal-bexx ta' dan l-erbiċida fuq ix-xtieli ta' dwieli ta' azjenda agrikola. Bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, jidher għalhekk li tali użu huwa marbut prinċipalment mal-funzjoni ta' dan it-trattur bħala magna tax-xogħol, u mhux bħala mezz ta' trasport, u, għaldaqstant, ma jaqax taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva.

42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma taqax taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", li jinsab f'din id-dispożizzjoni, sitwazzjoni fejn trattur agrikolu kien involut f'inċident meta l-funzjoni prinċipali tiegħu, fil-mument meta seħħ dan l-inċident, ma kinitx li jservi bħala mezz ta' trasport iżda li jiġġenera, bħala magna tax-xogħol, is-saħħa motriċi meħtieġa sabiex titħaddem il-pompa ta' bexxiexa ta' erbiċida.

### *Fuq it-tielet domanda*

43 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 4(4) tad-Digriet Liġi Nru 291/2007, li teskludi mill-obbligu ta' assigurazzjoni r-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi "għal funzjonijiet sempliċement agrikoli jew industrijali".

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest regolamentari u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-kompitu li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Piscarreta Ricardo, C-416/16, EU:C:2017:574, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan il-każ, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-inċident li kkawża l-mewt ta' M. Alves seħħ fit-18 ta' Marzu 2006, jiġifieri iktar minn sena qabel l-adozzjoni tad-Digriet Liġi Nru 291/2007.

46 Issa, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li dan id-digriet liġi jipproduċi effetti retroattivi jew li r-regola prevista fl-Artiklu 4(4) tiegħu tapplika għall-kawża prinċipali għal xi raġuni oħra. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju ma pprovdiet ebda spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet għaliex fil-fehma tagħha, f'dan il-kuntest, għandha bżonn risposta għat-tielet domanda preliminari sabiex taqta' t-tilwima mressqa quddiemha.

47 Barra minn hekk, mit-tweġiba bil-miktub tal-Gvern Portugiż għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ma huwiex id-Digriet Liġi Nru 291/2007, iżda d-Decreto-Lei nº 522/85 – Seguro Obrigatório de Responsabilidade Civil Automóvel (id-Digriet Liġi Nru 522/85 dwar l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ċivili fuq vetturi bil-mutur obbligatorja), tal-31 ta' Diċembru 1985, kif emendat, li kien applikabbli *ratione temporis* għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher b'mod manifest li t-tielet domanda hija ipotetika u, għaldaqstant, inammissibbli.

### **Fuq l-ispejjeż**

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma taqax taħt il-kunċett ta' "użu ta' vetturi", li jinsab f'din id-dispożizzjoni, sitwazzjoni fejn trattur agrikolu kien involut f'inċident meta l-funzjoni prinċipali tiegħu, fil-mument meta seħħ dan l-inċident, ma kinitx li jservi bħala mezz ta' trasport iżda li jiġġenera, bħala magna tax-xogħol, is-saħħa motriċi meħtieġa sabiex titħaddem il-pompa ta' bexxiexa ta' erbiċida.**

Firem